# Il-Madonna tal-Karmnu f'Birkirkara

*Jikteb Joe Calleja*

F'dan l-artiklu se nagħtu ħarsa ħafifa lejn id-devozzjoni li għandhom il-Karkariżi lejn il-Madonna tal-Karmnu għaliex din is-sena qegħdin infakkru s-750 sena minn meta l-Madonna tat il-Labtu tagħha lil San Xmun Stock fl-1251. San Xmun Stock kien il-Ġenerali ta' l-Ordni Karmelitana jew aħjar Ordni ta' eremiti li twaqqaf bejn l-1206 u l-1214 bir-Regola ta' San Albert ta' Ġerusalemm biex ifasslu ħajjithom fuqha. Fl-1562 dan l-ordni ġie rriformat minn Santa Tereża ta' Avila. L-Ordni malajr stabilixxa ruħu f'Malta u difatti fis-sena 1625 waslu l-ewwel Patrijiet Karmelitani Tereżjani, li waqqfu l-kunvent tagħhom f'Bormla. Imbagħad, 150 sena wara, biex aktar tkompli tikber il-glorja tal-Karmelu, twaqqaf ukoll Monasteru tas-sorijiet Karmelitani Tereżjani fuq l-għolja ta' Santa Margerita, f'Bormla.

Kien is-Sibt 14 ta' Novembru 1896 meta xi patrijiet li kienu ntbagħtu mill-Kunvent ta' Bormla biex jiftħu t-tieni kunvent tagħhom f'Malta, taw bidu għall-ħidma tagħhom f'B'Kara. Dak in-nhar għamlu att ta' qima pubblika fil-knisja l-ġdida tagħhom ta' San Alfons bil-kant tas-**Salve Regina**, kif għadhom jagħmlu kull nhar ta' Sibt. L-ewwel Pirjol ta' din il-Kommunita' l-ġdida kien Patri Wistin ta' S. Tereża. L-għada l-Ħadd, il-Provinċjal Vigarju Patri Karm tal-Bambin Ġesu' ċċelebra l-ewwel Quddiesa, u wara wasal l-Arċisqof Pietru Pace li ntona Te Deum solenni. Tista' tgħid li minn dakinhar 'l hawn qatt ma waqaf is-servizz spiritwali li taw dawk il-patrijiet u li ġew wara, hekk li kellhom ikabbru il-knisja darbtejn: l-ewwel fl-1904, u t-tieni darba fl-1909.

Il-Patrijiet komplew ixerrdu d-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu. Għedt "komplew" għax f'B'Kara diġa' kien hemm din id-devozzjoni, għax fil-Bażilika tagħna, fl-1806 twaqqfet l-Konfraternita' tal-Madonna tal-Karmnu u li skond il-liġi tal-Knisja din ġiet trasferita għal għand it-Tereżjani 1904. Fl-1 ta' Frar 1907 il-Kapitlu Tereżjan approva b'akklamazzjoni STATWA ġdida biex tinġarr fil-purċissjoni, skond mudell muri lill-patrijiet magħmul minn ARTURO GALDES.

Issa b'din il-vara lesta u bid-devozzjoni li kien hawn, bdiet issir kull sena l-purċissjoni bil-vara tal-Madonna, il-Ħadd fl-Ottava tal-festa fix-xahar ta' Lulju. Il-patrijiet malajr indunaw li din il-knisja, minkejja li tkabbret darbtejn, saret żgħira għall-poplu li kien qiegħed jattendi għas-



Il-Madonna tal-Karmnu ħierġa mill-Bażilka fl-1951

sagramenti u fil-fatt bdew jaħsbu biex jibnu t-tieni knisja. Fis-16 ta' Mejju 1965 Mons. Mikiel Gonzi Arċisqof ta' Malta poġġa l-ewwel ġebla tas-Santwarju l-ġdid ta' S. Tereża tal-Bambin Ġesu'. Kellhom jgħaddu sbatax-il sena biex din l-opra artistika fil-konkors tkun lesta u tibda tiffunzjona fl-1982. Is-sena li ġejja l-poplu Malti jkun ilu jagħmel użu mis-servizz tagħha 20 sena. Issa b'dan is-Santwarju l-patrijiet setgħu jilħqu aktar nies biex ikunu jistgħu jagħtu s-servizzi reliġjużi tagħhom u jkomplu jxerrdu l-ewwel id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu u t-tieni lejn waħda minn uliedha fl-Ordni tagħna Santa Tereża tal-Bambin Ġesu'.

Fl-1951 kien jaħbat is-700 sena ta' l-għoti tal-Labtu tal-Madonna lil San Xmun Stock. Għal dan il-għan f'B'Kara kienu saru festi kbar mill-Knisja ta' San Alfons, u mill-Bażilika tagħna. Kien it-Tnejn 23 t'a Lulju 1951 meta l-istatwa devota tal-Madonna tal-Karmnu ttieħdet proċessjonalment mill-Kapitlu għall-Bażilika fejn damet għal ġimgħa sħiħa li matulha tqaddset quddiesa f'nofs il-lejl mill-Isqof l-E.T. Mons. Tarcisio Benedetti O.C.D., li kien inġieb mill-Kommunita' Tereżjana għal dawn il-festi.

Fil-Knisja ta' San Alfons kienet saret novena u tridu li għalihom kienu mistednin il-kleru u l-kommunitajiet reliġjużi ta' B'Kara biex jagħmlu jum kull wieħed, l-aħħar jum tan-novena tħalliet għall-Kaptilu Elenjan. Fit-Tridu ħadu sehem l-isqfijiet l-E.T. Mons. Ġużeppi Pace ta' Għawdex, l-E.T. Mons. T. Benedetti O.C.D., l-E.T. Mons. E. Galea u l-E.T. Mons. Arċisqof M. Gonzi. Il-Festi għalqu b'pellegrinaġġ mill-Bażilika għall-Knisja ta' San Alfons u fiha ħadu sehem ħafna għaqdiet reliġjużi u devoti tal-Madonna.

Din is-sena, ħamsin sena wara, erġajna għamilna tifkira speċjali ta' dan l-avveniment fl-okkażjoni tas-750 sena mill-għoti tal-Labtu tal-Karmnu. Erġajna tellajna l-Madonna fil-Bażilika fit-28 ta' Ġunju u ħallejniha għall-qima tal-Karkariżi. Fit-2 ta' Lulju għamilna pellegrinaġġ bis-sehem tal-poplu Karkariż li kien rappreżentat mill-Każini tal-baned fejn kellhom żewġ reffiegħa flimkien ma' erbgħa oħra li s-soltu jerfgħu lil Santa Liena, flimkien mas-sehem tal-Banda Sant'Antnin.



Il-Madonna tal-Karmnu ħierġa mis-Santwarju ta' Santa Tereża

Flimkien mal-Kapitlu, Kleru u Ordnijiet Reliġjużi u għaqdiet, tajna qima kif jixraq lill-Madonna bir-rużarju u innijiet Marjani. F'dawn il-festi erġajna rajna lill-poplu Karkariż li, għalkemm hawn ħafna x'jaljenah, xorta sab ftit tal-ħin biex jagħti ġieħ lil Marija bħalma fl-imgħoddi, matul is-snin, f'B'Kara tpoġġew u għadhom hemm sittax-il niċċa tal-Madonna tal-Karmnu.